



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2009/0038(CNS)

29.7.2009

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea (COM(2009)0120 – C7-0003/2009 – 2009/0038(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Joly

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Artikolu 178 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropa jgħid hekk: "Il-Komunità għandha tqis il-miri imsemmija fl-Artikolu 177 f'kull politika li timplimenta u li tista' taffettwa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw." Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Iżvilupp għandu jevalwa l-politika esterna tas-sajd tal-Komunità, kif dettaljat fir-Riżoluzzjoni tal-PE dwar il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp u l-effetti tal-isfruttament mill-UE ta' ċerti riżorsi naturali bijoloġiċi fuq l-iżvilupp fl-Afrika tal-Punent¹. Għal dan il-għan, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea ma jstax jittqies bħala strument għall-iżvilupp għax l-oġettiv primarju tiegħu hu li joffri aċċess sussidjat għall-flotot tas-sajd tal-UE fl-ibħra tal-Ginea, u mhux li jippromwovi l-iżvilupp tas-soċetà ta' dan il-pajjiż. Il-Kummissjoni dejjem kienet ċara u ħarset lejn dawn il-ftehimiet bħala ftehimiet ta' natura kummerċjali.

B'rispons għall-ħafna kritika tal-politika esterna tas-sajd tal-UE, it-termini tal-Ftehim tjiebu meta mqabbla ma' ftehimiet oħra li saru qabel l-2004:

- Kull ftehim ġie evalwat b'mod indipendenti, għalkemm dawn l-evalwazzjonijiet mhumiex disponibbli pubblikament;
- Teżisti klawżola ta' esklussività li timpedixxi l-ftehimiet privati;
- Titjib fis-segwitu ta' kif intużaw il-flus, għalkemm l-impatt reali ta' dawn il-bidliet għad irid jiġi evalwat.

Ir-regolamenti adottati riċentement dwar is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU) u dwar l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd għal attivitajiet barra l-ibħra Komunitarji jipprovdi lill-Kummissjoni b'għodda addizzjonali sabiex jiżguraw li bastimenti li jtajru bandiera tal-UE jirrispettaw ir-regoli. B'mod ġenerali, l-arranġamenti tal-UE għall-ftehimiet tjiebu meta mqabbla ma' meta ġie negozjat l-ewwel ftehim mal-Ginea.

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd 2009-2012 mal-Ginea

Opportunitajiet tas-sajd:

Il-protokoll il-ġdid jippermetti li 40 bastiment tal-UE jistadu għat-tonn fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Ginea. M'hemmx limitu għal kemm jista' jinqabad tonn, għalkemm l-UE trid tħallas EUR 325,000 bil-quddiem, li jkopru qabdiel ta' 5,000 tunnellata. Jekk il-bastimenti tal-UE jaqdbu aktar, jeħtieġ isiru aktar pagamenti. Il-ftehim preċedenti kien jippermetti wkoll is-sajd għall-gambli, ċefalopodi u ħut demersali. Il-ftehim attwali m'għandux dispożizzjonijiet għal ħut demersali jew ċefalopodi, iżda fl-2010 hu previst is-sajd għall-gambli jekk jiġu sodisfati ċerti kundizzjonijiet (sistema "trasparenti" għall-allokazzjoni tal-aċċess għas-sajd tal-gambli; sorveljanza mtejjba tas-sajd fl-ibħra tal-Ginea; stħarriġ xjentifiku dwar il-ħażniet tal-gambli, għalkemm m'hemm ebda rekwiżit speċifikat li r-riżorsi tal-gambli għandu jkun abbondanti). L-opportunitajiet tas-sajd għall-gambli jiswew EUR 300,000 oħra fis-sena.

Kumpens finanzjarju:

Barra t-EUR 325,000 bħala ħlas bil-quddiem għas-sajd tat-tonn, għandhom jitħallsu EUR 125,000 kull sena "għall-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-

¹ P6_TA(2008)0289

Ginea". L-awtoritajiet tal-Ginea se jkollhom "diskrezzjoni unika" fuq l-użu tal-EUR 450,000 kumpens finanzjarju (apparti kwalunkwe flus oħra li possibilment se jitħallsu għas-sajd tal-gambli). Hemm ukoll EUR 1.6 miljun tul il-kors tal-erba' snin tal-Protokoll tal-Ftehim, għat-tisħiħ tas-sistema ta' sorveljanza tas-sajd tal-Ginea u biex ikun issir l-installazzjoni ta' sistema VMS sat-30 ta' Ġunju 2010.

Ir-riżorsi totali mħallsa lill-Ginea se jonqsu minn medja ta' 4 miljun euro fis-sena skont il-ftehim preċedenti għal inqas minn miljun euro skont il-Protokoll tal-ftehim attwali.

Konsultazzjoni Parlamentari:

Bħas-soltu, il-ftehim mal-Ginea għe nneozjat u miftiehem mingħajr ebda kontribut mill-Parlament, u l-bastimenti ilhom jistagħdu sa mill-1 ta' Jannar 2009. Għal darb'oħra, il-Parlament għe ppreżentat b'fait accompli. Wara snin ta' lmenti dwar dan, ma kien hemm kważi l-ebda bidla, għaldaqstant jista' jkun li l-uniku mod li titjeb is-sitwazzjoni ikun li ssir talba għar-rinegozjar tal-ftehim.

Evalwazzjoni tal-ftehim:

Ċertament hemm titjib definit fil-kundizzjonijiet dettaljati tal-ftehim il-ġdid. L-ewwelnett, it-tnaqqis fl-aċċess għall-ibħra tal-Ginea huwa żvilupp pożittiv, peress li l-evalwazzjoni tal-ftehim innotat li ħafna ħażniet huma sfruttati żżejjed. Il-possibbiltà ta' aċċess kontinwu għall-gambli, madankollu, joħloq ħafna tħassib.

Id-diviżjoni tal-pagamenti f'żewġ kompartamenti – kumpens finanzjarju għall-opportunitajiet tas-sajd speċifiċi u appoġġ ġenerali għall-politika tas-sajd tal-Ginea – tista' titqies bħala pass lejn is-separazzjoni tal-ammont globali ta' flus imħallsa lil pajjiż terz mill-ammont ta' sajd li jiġi permiss. Jekk ikun hemm rabta stretta bejn il-pagament u s-sajd permiss, dan iservi ta' dizinċentiva għat-tnaqqis tal-opportunitajiet ta' sajd f'każijiet ta' tnaqqis fil-ħażniet.

L-allokazzjoni tal-ammont kollu tal-kumpens għat-tisħiħ tal-politika tas-sajd tal-Ginea ukoll għandha tintlaqa' pożittivament, iżda l-effett tagħha għadu mhux ċar. Fil-ftehim preċedenti (2004-2008), il-Parlament kien diġà staqsa¹ kemm kien effikaċi li jitħallsu kważi EUR 0.5 miljun fis-sena għat-titjib tal-kontrolli tal-ibħra tal-Ginea. L-organizzazzjoni Transparency International telenka lill-Ginea fil-pożizzjoni 173 minn 180 pajjiż skont "l-indiċi tal-perċezzjoni tal-korruzzjoni" tagħha. Il-Kummissjoni jeħtieġ li tispjega eżattament kif biħsiebha tiżgura li l-flus jintużaw għall-iskop li huma maħsuba għalih.

U tibqa' teżisti d-domanda dwar jekk dan it-titjib teoretiku hux se jinkiseb fil-prattika.

Problema oħra hi l-kwistjoni taħraq tal-governanza u t-trasparenza fil-Ginea. Il-gvern preċedenti, li kien innegozja dan il-ftehim, waqa' meta l-President miet u uffċjal militari ieħor ħa f'idejh il-kontroll tal-pajjiż. L-ebda wieħed mit-tnejn ma kien qed jopera b'mod miftuħ u trasparenti rigward il-ġestjoni tas-sajd fl-ibħra tal-Ginea.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli,

¹ A5-164/2004, ir-rapport McKenna.

sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(2a) Madankollu, il-Ftehim ta' Sħubija l-
ġdid dwar is-Sajd ma tfassalx bhala
strument għall-iżvilupp tal-Ginea;***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 2 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(2b) Jeżisti tħassib dwar il-possibilità li
jerġa' jibda s-sajd għall-gambli fil-Ginea,
minkejja li l-livelli tal-ħażniet tal-gambli
huwa baxx;***

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(2c) Il-Kummissjoni tista' tesperjenza
problemi kbar biex tivverifika kemm l-
appoġġ finanzjaru mogħti lill-Ginea
għall-kontroll tas-sajd ikun qed jintuża
għall-iskop maħsub;***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea **huwa** approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim **huwa** anness **ma' dan ir-**Regolament.

Emenda

1. Il-**Protokoll tal-**Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea **għandu jerġa' jiġi negozjat sabiex ikun inġhata qies lit-tħassib imsemmi f'2a, 2b u 2c qabel mal-Ftehim jiġi** approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim **u t-test tal-Protokoll rinegozjat għandi jiġi** anness **mar-**Regolament **li japprovahom.**

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3 a

Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rendikont dettaljat tal-iffinanzjar tal-miżuri għall-immaniġġjar sostenibbli tal-ħażniet tal-ħut tal-Ginea deskritti fl-Artikolu 3 tal-Protokoll li jiddefinixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2008, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea dwar sajd 'il barra mill-kosta tal-Ginea.

Or. en